GĦAQDA MUŻIKALI SAN ĠUŻEPP
GĦAJNSIELEM – A.D. 1928

# LAQGĦA ĠENERALI ANNWALI

# 2010

**Il-Ġimgħa, 5 ta' Marzu 2010**

**<u>Aġenda tal-Laqgħa</u>**

*- Diskors mill-President -*
*- Rapport Amministrattiv mis-Segretarju -*
*- Rapport Finanzjarju -*
*- Mistoqsijiet lill-Kumitat mill-Membri u Bandist preżenti -*
*- Emendi fl-Istatut -*
*- Co-option ta' membri ġodda fil-Kumitat -*

# INTRODUZZJONI

**Mill-President Gino Cauchi**

Fil-mixja li bdejna eżattament ġames snin ilu, il-Kumitat dejjem żamm mal-viżjoni li kellna dakinhar. Tajjeb li llkoll niftakru mnejn tlaqna u x' kienet il-pożizzjoni tal-għaqda tagħna dakinhar u llum fil-preżent. Jien mhux ser noqgħod niftaħar bina nfusna, ta' x'wettaqna u x' beħsibna nwettqu fil-futur, iżda tajjeb li niftakru l-bidla li irnexxilna nwettqu mhux biss fl-għaqda tagħna iżda fir-raħal tagħna t'Għajnsielem in ġenerali.

Illum l-għaqda tagħna żgur li qed tiħi rrispettata aktar, mhux biss fir-raħal tagħna iżda anke barra mill-konfini tagħna. Niftakar tajjeb jien, u kienet tweġġgħali qalbi meta kont nisma' diskors bħal: "u mela l-Banda jonqosha xi ħaġa!" jew li kienet tissemma BISS xi xahar qabel il-festa kullħadd ifaħħarna jew jikkritikana u wara nerġgħu għalli konna, qisu qatt ma kien xejn. Illum intom tafu daqsi li dan ma għadux l-każ. Jiġu nies fuqek u jsaqsuk kif sejrin u jieħdu interess ta' dak li qed jiġri fil-Banda llum, oħrajn li jgħedulek prosit ta' dak kollu li qed nagħmlu għar-raħal tagħna, kif ukoll għall-kultura in ġenerali. Jien għalija personali dan hu l-akbar unur, li aħna bħala Kumitat irnexxilna nagħmlu. Huwa fatt li tmexxija dinamika tax-xogħol li rnexxilu jagħmel dan l-Kumitat li kien ta' xprun għar-raħal tagħna. Nista' ngħid li għamilna pass ta' ġgant l-quddiem, fejn dak li għandu x' jaqsam ma' organizzazzjoni u serjeta' li aħna f' Għajnsielem kapaċi nagħmlu.

Dan mhux qed ngħidu għax-xogħol tal-kumitat BISS iżda ta' dak kollu li għandu x' jaqsam u jmiss mal-għaqda tagħna. Kif għedt qabel jien għalija dan hu l-akbar sodisfazzjoni li nieħu fejn tara ir-raħal tagħna jissemma u jiġi rrispettat għall-dak li jsir fih speċjalment ta' dawk l-ħafna ndividwi li kienu "talent moħbi" u wara li ngħataw l-ispazju meħtieġ urew l-kapaċitajiet tagħhom u sarfuhom f'tant ġid għas-soċjeta' inġenerali. Kif tafu, barra dan kollu li sar, għadu u ser jibqa jsir ħafna xogħol ieħor materjali f'din l-aħħar sena xogħol strutturali li sar fil-każin li kien wieħed kbir tassew! Insemmu din is-sala… x' differenza mis-sena l-oħra! Minn sala mimlija mbarazz u kaxxi għall-sala li għalkemm baqa x-xogħol, illum hi ferm aktar attrezzata u attrajenti. Biex sar dan kollu kien jirrekjedi ħafna xogħol u ħsieb. Ma kinitx faċli li nerġgħu nakkwistaw l-istore taħt l-każin fejn issa tpoġġa l-materjal kollu tal-bar u ġie imniffed dirett għal ġol-bar. Ġew ordnati ż-żewġ bibien ta' dawn is-swali u fil-futur qrib se jsir l-partition bejn l-isnooker room u s-sala prinċipali. L-għan tagħna hu li nibdew nikru u ntellgħu attivitajiet soċjali f' din is-sala tant sabiħa. Ix-xogħol fil-kamra tal-Kumitat qabad ritmu tajjeb ukoll biex wara ħafna stennija għall-arkivju, ix-xogħol fuq l-iskultura tiegħu mixi ġmielu u jekk ma jinqala' xejn għall-festa ta' din is sena jkollna għall-ewwel darba fl-istorja glorjuża tagħna Arkivju Mużikali mill-isbaħ li jikkumplimental-każin sabiħ tagħna! Is-segretarju ser jidħol aktar fid-dettal ta' dak li sar u ser issir fir-rapport tiegħu. Dan kollu sintendi jirrikjedi ħafna flus u spejjeż. Spiċċa llum dak iż-żmien li forsi l-affarijiet isiru b'xejn mill-voluntiera fejn anke xi drabi, ix-xogħol jkun wieħed ta' livell inferjuri. Illum ma tistax taħdem hekk. Jew l-affarijiet jsiru sew jew aħjar nistennew. Finanzi dejjem sibna grazzi għall-ħidma għaqlija tal-kaxxier tagħna. Il-flus ma jaqgħux mis-sema u trid tistinka u tkun għaqli biex takkwistahom u tħaddimhom tajjeb.

Tul is-sena li għadha kemm għaddiet, iż-żjara li għamilna fi' Sqallija, f'Pallazzolo Acreide għall-festi ċentinarji ta' San Pawl żgur kienet ta' suċċess KBIR għall-Banda tagħna San Ġużepp. Ħrigna bl-unuri kollha apparti li ħadna gost wkoll f' din l-esperjenza. Din kienet tassew stedina "ta' veru" għall-Banda tagħna fejn kif jafu kull min ġie magħna, il-Kumitat Organizzattiv ta' San Pawl ħallsulna kollox inkluż ikel u lodging. Anzi marru oltre min hekk għax ħallsulna wkoll il-ġita' għal Catania, Siracusa u Noto. Tassew kienet mawra stupenda u żgur ser tibqa fil-memorja ta' ħafna. Is-suċċess tagħna f' Pallazzolo jixhdu l-kuntatti u ħbiberija li hemm bejnietna.

Bħala servizzi tal-Banda tagħna, daqqejna fil-festi prinċipali Għawdxin kollha, fejn forsi jispikkaw is-servizz tad-Duluri fir-raħal tagħna, il-Ġimgħa l-Kbira fin-Nadur, l-programm fit-Tokk għall-festa ta' San Ġorg u l-programm li tajna fil-pjazza fil-festa ta' Santa Marija. Sintendi l-qofol tas-servizzi tal-Banda tagħna kienu l-festi esterni ad Unur tal-Madonna ta' Loretu fejn l-Banda offriet servizz mill-aqwa sabiex tkompli tgħolli isem il-festa 'l fuq għall-briju, organiżazzjoni u serjeta'. Ma ninsewx ukoll il-marċ li nagħmlu lejliet il-Milied

Ittellgħu ħafna attivitajiet soċjali, li lkoll kienu ta' suċċess. Biżżejjed insemmi l-Open Day fejn irnexxilna nġibu ħafna nies lejn l-każin kif ukoll id-diversi wirjiet li tassew kienu ta' livell għoli fejn ta' dan ngħid grazzi lis-segretarju tagħna. Erġajna wkoll għamilna l-ikla tal-Milied fejn wara nuqqas ta' sena kellna attendenza tajba mill-pubbliku fejn pattejna ftit mill-ispejjeż li kellna noħorgu għall-bandisti li noffrulhom din l-ikla bħala apprezzament ta' dak kollu li jagħmlu għall-Banda matul is-sena. Għamilna ikla separata' wkoll għall-alljievi tagħna.

Inkun nonqos bil-kbir jekk ma nsemmix iż-żewġ sotto-Kumitati tagħna, dak ta' nisa, u l-ieħor tal-isnooker. Nafu kemm jistinkaw il-kumitat tan-nisa fejn kull nhar ta' Sibt jorgannizzaw b' tant ħidma u sagrifiċju t-tombla u high teas. Dawn huma storja ta' suċċess għan-nies li jirnexxilhom jġibu u jħallu fond ta' finanzi li tant għanda bżonn. Il-Kumitat tal-isnooker huwa ukoll storja oħra ta' suċċess, fejn qed jiġu organizzati diversi tournaments. Tista' tgħid li l-mejda tal-isnooker dejjem sejra, u hemm interess aktar qawwi minn meta ġiet irrangata l-isnooker room.

Kif qed taraw, jien semmejt fuq fuq, l-ħidma li rnexxilna nwettqu matul din is-sena, Ħidma li żgur ma kinitx isseħħ li kieku ma tkunux intom u oħrajn li forsi ma humiex preżenti ħidma li ssir b' tant sagrifiċju u dedikazzjoni minn dawk kollha li għandhom għal qalbhom l-Għaqda għażiża kif ukoll ir-raħal sabiħ tagħna. Ma nistax noqgħod insemmi ismijiet, għalhekk nixtieq minn qalbi ġenwinament nirringrazzja lil KULLĦADD għall-dak kollu li irnexxilna nwettqu, tal-ħidma, ko-operazzjoni, u sagrificju. Ejjew inkomplu naħdmu għall-ġid tas-soċjeta' u zgur li nkunu t'eżempju ħaj għall-ġenerazzjoni futura tagħna.

Grazzi u Prosit

# RAPPORT AMMINISTRATTIV 2010

**Mis-Segretarju Kevin Cauchi**

## Proġetti li saru matul l-aħħar tnax-il xahar

### Kamra tal-Kumitat

- Twaħħil ta' panelli tal-injam kewba mal-ħitan tal-Kamra tal-Kumitat
- Twaħħil ta' wallpaper rikka mal-ħitan tal-Kamra tal-Kumitat
- Tlestija ta' 250 box-file għall-Arkivju. Dawn il-kaxxi tal-injam (xogħol Toni Galea) inksew kollha bil-ġild (xogħol bl-idejn ta' Mary Debono, Ta' Dbieġi) bi spiża totali ta' €20 kull kaxxa. Fihom ser titpoġġa l-mużika tal-Banda.
- Sar ħajt tal-gypsum sabiex tinħoloq simetrija fil-Kamra
- Pittura ta' San Ġużepp, xogħol tal-artist lokali Vince Caruana

### Sala Prinċipali u Snooker Hall

- Tneħħija tal-palk il-qadim u store tal-bar sabiex intrebaħ spazju għal sala ġdida tal-isnooker
- Xogħol ta' struttura li jinkludi tħarrik ta' tieqa u ftuħ ta' bieb ġdid għas-sala tal-isnooker. Dan ix-xogħol sar b' konsultazzjoni mal-Perit. Il-kamra tal-lottu tpoġġiet f'post aktar ċentrali.
- Tpoġġija ta' 300 metru kwadru ta' madum ġdid
- Saret sistema ġdida ta' dawl u illuminazzjoni
- Sar ordni għal 3 bibien tal-kewba, 2 għas-swali prinċipali u ieħor mill-iSnooker Hall għall-kċina
- Refurbishment tal-iSnooker Table.
- Refurbishment tas-siġġijiet u mwejjed tas-sala.
- Tpoġġija mill-ġdid tal-Billiard table fil-foyer

### Store Adekwat

- Ġie akkwistat lura garaxx li jinsab eżattament taħt il-Bar.
- Infetħet bokka mill-bar għal ġol-garaxx u b' hekk ġiet solvuta darba għal dejjem il-problema ta' store adekwat!
- Beda jsir ukoll użu ta' store fil-bitħa ta' taħt il-Każin fejn qed jitpoġġa l-armar tal-Festa u Milied

### Tisbiħ u xogħol ieħor fil-Każin

- Sett ta' 6 faldrappi b' pittura fuqhom u mdawwrin b'rużuni tas-sapraporti għal mat-twieqi tal mal-faċċata tal-Każin. Dawn swew madwar €900. Ġew ukoll ordnati 12-il faldrappa oħra għall-ġemb tal-Każin bil-ħsieb li jiżżanżnu fil-Festa li ġejja. Dawn ser jiswew madwar €1800. Infakkar li dawn qed jitħallsu minn lotterija apposta li qed organizza Pawlu Azzopardi. Ix-xogħol tal-injam qed jsir mingħajr ħlas minn Tony Galea filwaqt l-induratura qed issir minn Elvin Tabone. Loretu Galea qed jieħu ħsieb id-dwal. Il-pittura ta' fuq il-faldrappi hi xogħol ta' Giovann u Paul Cassar
- Bandiera ġdida bl-arma tal-Banda San Ġużepp
- Standard tal-Ewropa li ntuża l-ewwel darba fil-mawra li kellna Sqallija.
- Tibjid tal-entrata u foyer tal-Każin
- Tank tal-ilma ta' 500 gallun għat-toilets tal-Każin (sabiex jlaħħaq mad-domanda fil-Festa)
- Refurbishment tas-siġġijiet u mwejjed tal-Bar
- Bdil tal-bozzoz kollha tat-terrazin għal sistema ta' *energy savers* sofor u aktar qawwijin
- Xiri ta' drappijiet suwed, bojod u ħomor sabiex jintużaw waqt wirjiet u esebizzjonijiet
- Website ġdida li tagħmel ġieħ lill-għaqda tagħna
- Publikazzjoni tal-Festa – ktieb ta' 150 paġna li jħabbata ma' l-aqwa kotba ta' Baned Maltin

## Attivitajiet organizzati mill-Kumitat Eżekuttiv matul l-2009

| | |
|---|---|
| **Il-Ġimgħa, 13 ta' Frar** | Laqgħa Ġenerali 2009 u Elezzjoni ta' Kumitat ġdid |
| **L-Erbgħa, 1 ta' April** | Ħsieb spiritwali minn Fr Joe Cardona lill-Bandisti u Membri |
| **Il-Ħadd, 5 ta' April** | Wirja tal-Ġimgħa Mqaddsa |
| **Il-Ħamis, 1 ta' Mejju** | Quddiesa ċ-¬imiterju għall-Bandisti mejtin |
| **Il-Ħadd, 28 ta' Ġunju** | Mawra ta' 4 t' ijiem ġewwa Palazzolo Acreide, Sqallija |
| **Il-Ħadd, 23 ta' Awwissu** | Open Day, wirja, esebizzjoni ta' vetturi antiki u varjeta' kulturali |
| **It-Tlieta, 25 ta' Awwissu** | Programm Mużikali fil-Pjazza u żjara mill-President ta' Malta fil-Każin |
| **Il-Ħadd, 8 ta' Novembru** | Fanfarra f'Jum il-Vittmi tal-Gwerra |
| **Il-Ħadd, 6 ta' Diċembru** | Parteċipazzjoni attiva fil-presepju ħaj ta' Bethlehem f'Għajnsielem |
| **L-Erbgħa, 9 ta' Diċembru** | Membri tal-Kumitat jagħmlu żjara lill-morda u anzjani |
| **Il-Ġimgħa, 18 ta' Diċembru** | Ikla tal-Milied għall-Bandisti, membri u ħbieb fil-Grand Hotel, Għajnsielem |
| **Il-Ħadd, 20 ta' Diċembru** | Tinfetaħ wirja dwar Bethlehem u tnedija ta' ktieb mill-Avukat Joe Mifsud |
| **Is-Sibt, 26 ta' Diċembru** | Membri tal-Kumitat għamlu żjara lil President Onorarju Dun Karm Cassar |

**Saru wkoll diversi Coffee Mornings, High Teas u Tombla organizzati mill-Kumitat tan-Nisa.**

## Sotto-Kumitat tal-iSnooker

Għaddew kważi sena u nofs minn meta ġie iffurmat is-sotto-kumitat tal-iSnooker. Is-Sotto-Kumitat embarka fuq sistema ta' 'Memberships' fejn il-players membri jkunu jistgħu jieħdu sehem fil-kompetizzjonijiet kollha ta' matul l-istaġun. Ġiet ukoll mibdija sistema ta' rankings fejn kull player jingħata ammont ta punti li jakkumulaw mas-snin, skond kemm ikun mar tajjeb fil-league jew f'kompetizzjoni. Ir-rankings saru wkoll bl-għan li nkunu nafu min huma l-iktar player konsistenti fl-assoċjazzjoni tagħna. Is-sotto-kumitat applika wkoll bħala NGO.

Ta' min ifakkar li f'Ottubru tal-2008, meta tħabbar li ser isir il-proġett kbir ta' Bethlehem f'Għajnsielem dan is-sotto-kumitat daħal b' ruħu u ġismu sabiex jagħti l-għajnuna tiegħu. Membri tal-kumitat u anke players taw is-sehem tagħhom fil-bini ta dan l-proġett fejn kienu responsabbli għall-forn tal-ħobż, parti mit-taverna, kif ukoll stand bil-prodotti tradizzjonali Għawdxin. Mid-dħul li sar, wara li saru diveri laqgħat mal-Kumitat Eżekuttiv, ġie deċiż li tinħoloq sala tal-iSnooker. Sabiex din il-ħolma ssir realta, dan is- Sotto-Kumitat offra li jneħħi l-palk u saħansitra jħallas l-ispejjeż tal-madum tas-sala kollha. B'hekk inħolqot il-possibilta' li f'Għajnsielem ikollna snooker hall professjonali b'żewġ imwejjed tas-snooker. Id-disinn tal-kamra sar minn Paul Stellini.

F'temp ta' sena, ħafna mix-xogħol strutturali tlesta. M'hemm ebda kontijiet pendenti, anzi – wara li dan is-sotto-kumitat reġa' ħa sehem fil-Presepju Ħaj, seta' jibda x-xogħol fuq fażi oħra bl-ordni ta' żewġ bibien kbar tal-Kewba. Aktar tard din is-sena ser tiġi ordnata wkoll il-partition tal-gypsum fejn ser tifred is-sala tal-iSnooker minn dik Prinċipali. Wara, jibda wkoll ix-xogħol fuq is-suffitt. Hemm ukoll il-ħsieb li tinxtara t-tieni mejda tal-iSnooker.

## Attivitajiet Kulturali

L-għan ewlieni ta' din l-Għaqda huwa dak li jitqanqal u jinxtered l-istudju u l-kultura tal-mużika kif ukoll attivitajiet soċjali u kulturali fir-raħal. Ċertament dan il-għan kompla jissaħħaħ matul l-aħħar xhur bil-wirjiet u l-inizjattivi kulturali li ġew organizzati fil-Każin tagħna. Nibda biex insemmi l-Open Day, il-Ħadd ta' qabel il-Festa fejn b' kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali t' Għajnsielem esebejna wirja ta' talent Għajnselmiż, show ta' vetturi antiki, varjeta' ta' kant u żfin minn talenti lokali kif ukoll ftaħna l-bibien tal-

Każin sabiex il-poplu jara b'għajnejh il-proġetti li hemm għaddejjin. Tellajna wkoll wirja tal-Ġimgħa l-Kbira. Il-poplu Għajnselmiż laqa' l-appell sabiex jipprovdi biċċiet ta' opri relatati ma' dan il-perjodu tant li fl-aħħar spiċċajna nirrifjutaw aktar oġġetti għaliex is-sala kienet mimlija! Il-wirja ġiet imfaħħra minn diversi dilettanti tal-Ġimgħa Mqaddsa u ta' min jgħid li kien fiha ftit minn kollox... settijiet ta' vari, via sagra, oġġetti tal-Knisja relatati ma' dan il-perjodu, kurċifissi, inkwadri antiki, ritratti, pitturi eċċ. Matul dan il-perjodu saret ukoll laqgħa spiritwali mid-Direttur Spiritwali Fr Joe Cardona.

## Bethlehem f'Għajnsielem

Kulħadd jaf bis-suċċess li qed jikseb il-presepju ħaj Bethlehem f'Għajnsielem. Matul ir-rapport amministrattiv li ħejjejt is-sena l-oħra kont ktibt li l-Kumitat Eżekuttiv seta' ħa opportunita' akbar minn dan l-avveniment. Tgħallimna bl-iżbalji u din is-sena flimkien mas-sotto-kumitat tal-iSnooker ħdimna sabiex nkunu parti minn dan is-suċċess.

Prosit imur lill-alljievi u bandisti aspiranti li għamlu diversi programmi mużikali taħt it-tinda. Xieraq li nirringrazzjaw lill-għalliema tagħhom, Toni Galea, Joe Galea u Frankie Debono.

## Update dwar l-Arkivju u l-Kamra tal-Kumitat

1) Ix-xogħol tal-injam fuq il-unit prinċipali lest. L-iskultura bdiet ftit tax-xhur ilu u ser titlesta f' Mejju ta' din is-sena. L-iskultura ser tkun tal-ġewż filwaqt li l-unit ser tkun kewba sabiex jinħoloq kuntrast.

2) Il-250 box-files li fihom jitpoġġew il-biċċiet tal-mużika li ġabret il-Banda matul dawn it-tmenin sena huma kollha lesti u miksijin bil-ġild. L-ispiża ta' dawn il-box-files hi madwar €5000 jew €20 kull kaxxa. Stajna nagħmluhom bil-pannu, iżda naħseb li kulħadd jaqbel li l-Arkivju Mużikali tal-Banda jixraqlu l-aħjar kwalita'.

3) Fix-xhur li jmiss, ser nerġgħu nniedu l-iskema Tile4U fejn din id-darba għandna il-ħsieb li bil-flus li niġbru nisponsorjaw parti mill-iskultura li ser tqum madwar €9000. Infakkrukom li l-iskema Tile4U kienet suċċess kbir fl-2008 tant li rnexxielna niġbru €4500 għal l-irħam f' xahar wieħed biss.

4) Bħala xogħol ta' injam fil-Kamra tal-Kumitat, is-soffitt tlesta f'Awwissu tal-2008 u qamilna spiża ta' madwar €10,000. Is-saqaf inħadem bil-kewba, xogħol Chris Mifsud. L-istess mastrudaxxa lesta wkoll il-panelli tal-injam u ser jitwaħħlu kif jitlesta x-xogħol tad-dawl. Ordnajna wkoll showcase display għat-trophies u rigali oħra li l-Banda tagħna ingħatat matul l-istorja. Ser jinħadem ukoll bieb tal-Kewba simili għall-bibien l-oħra tal-Każin in-naħħa ta' fejn sar il-ħajt tal-gypsum. Dan ser jinħadem minn Tony Muscat.

5) Saru wkoll żewġ pitturi minn Vince Caruana li ser jitpoġġew maġemb l-Arkivju. Waħda turi x-xbieha tal-Madonna ta' Loretu (u li għamilha mingħajr ħlas) u l-oħra turi lil San Ġużepp. Il-ħitan ser ikunu mżejna bl-istorja tal-Banda.

6) Inbena ħajt tal-gypsum sabiex tinħoloq simetrija fil-kamra fejn iċ-ċentru jkun l-Arkivju. Twaħħal wkoll il-wallpaper mal-ħitan. Infakkarkom li d-disinn tal-Kamra sar mid-disinjatur rinomat Richard Young li sfortunatament ħalla din id-dinja ftit tal-ġimgħat ilu.

Kif qed taraw l-ispejjeż huma kbar iżda m'għandniex għalfejn naqtgħu qalbna. Il-fundraising immexxi mill-Kumitat tan-nisa wkoll jagħmlilna kuraġġ sabiex inkomplu nħarsu 'il quddiem.Infakkarkhom li barra l-Arkivju u l-Kamra tal-Kumitat għadna wkoll s-sala prinċipali, dik tal-iSnooker u n-niċċa tal-Madonna. Ejjew naħdmu flimkien sabiex dawn il-proġetti jsiru realta' u jkollna każin li jkun l-għira ta' kulħadd.

## Servizzi

Matul l-2009, il-Banda San Ġużeppp ħadet sehem f' wieħed u tletin servizz. Dawn huma:

| | | |
|---|---|---|
| 1 ta' Jannar | Varjeta' Betlehem f'Għajnsielem – Għanjiet tal-Milied mill-Aljievi | Għajnsielem |
| 3 ta' April | Purċissoni tad-Duluri | Għajnsielem |
| 8 ta' April | Kunċert ta' Mużika Sagra | Għajnsielem |
| 10 ta' April | Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira | Nadur |
| 10 ta' Mejju | Purċissjoni – Festa San Ġużepp | Għajnsielem |
| 30 ta' Mejju | Marċ - Festa Sant'Antnin | Għajnsielem |
| 31 ta' Mejju | Purċissjoni – Festa Sant' Antnin | Għajnsielem |
| 19 ta' Ġunju | Marċ - Festa San Ġwann il-Battista | Xewkija |
| 26 ta' Ġunju | Marċ u Programm – Festa Imnarja | Nadur |
| 28 ta' Ġunju | Marċ - Festa San Pawl – Palazzolo Acreide | Sqallija |
| 29 ta' Ġunju | Programm - Festa San Pawl – Palazzolo Acreide | Sqallija |
| 19 ta' Lulju | Marċ u Programm - Festa ta' San Ġorġ | Victoria |
| 25 ta' Lulju | Marċ - Festa Santa Margerita | Ta' Sannat |
| 1 ta' Awwissu | Marċ – Festa San Ġużepp | Qala |
| 8 ta' Awwissu | Programm – Festa San Lawrenz | San Lawrenz |
| 15 ta' Awwissu | Marċ u Programm – Festa Santa Marija | Victoria |
| 23 ta' Awwissu | Open Day – Programm mill-Alljievi | Għajnsielem |
| 24 ta' Awwissu | Marċ - Ħruġ tal-Istatwa tal-Madonna ta' Loretu | Għajnsielem |
| 25 ta' Awwissu | Marċ u Programm | Għajnsielem |
| 27 ta' Awwissu | Marċ - Festa Madonna ta' Loretu | Għajnsielem |
| 28 ta' Awwissu | Marċ tad-Dimostrazzjoni – Festa Madonna ta' Loretu | Għajnsielem |
| 29 ta' Awwissu | Marċ tat-Translazzjoni – Festa Madonna ta' Loretu | Għajnsielem |
| 29 ta' Awwissu | Marċ ta' lejlet il-festa – Festa Madonna ta' Loretu | Għajnsielem |
| 30 ta' Awwissu | Marċ - Jum il-Festa tal-Madonna ta' Loretu | Għajnsielem |
| 30 ta' Awwissu | Purċissjoni – Festa tal-Madonna ta' Loretu | Għajnsielem |
| 30 ta' Awwissu | Marċ ta' Għeluq il-Festa tal-Madonna ta' Loretu | Għajnsielem |
| 7 ta' Settembru | Marċ ta' lejlet il-festa – Maria Bambina | Xagħra |
| 8 ta' Novembru | Fanfarra – Jum it-Tifkira – Monument tal-Gwerra | Għajnsielem |
| 9 ta' Diċembru | Marċ - Festa Liturġika tal-Madonna ta' Loretu | Għajnsielem |
| 24 ta' Diċembru | Purċissjoni - Manifestazzjoni bil-Bambin tal-Milied | Għajnsielem |

## Kunċerti

Saru 43 kunċert. Din il-lista turi l-attendenza tal-aktar bandisti li attendew kunċerti. Prosit tassew!

| Nru. | Isem | Numru ta' kunċerti li attendew |
|---|---|---|
| 1. | Susan Cassar | 43 |
| 2. | Loretu Galea | 42 |
| 3. | Elvin Tabone | 40 |
| 4. | Joseph Xuereb | 38 |
| 5. | Tony Galea | 38 |
| 6. | Louis Grima | 38 |
| 7. | Joseph Galea | 36 |
| 8. | Matthew Zammit | 35 |
| 9. | Nicholas Camilleri | 35 |
| 10. | Mario Vella | 34 |
| 11. | Mattea Vassallo | 33 |

*Sfortunatament kien hemm 9 bandisti li QATT ma ġew kunċert filwaqt li 4 bandisti attendew biss 3 kunċerti.*

*Niftakru li t-tagħlim hu ċ-ċavetta tas-suċċess!*

# GRAZZI MILL-QALB

Lid-Direttur tal-Każin **Pawlu Azzopardi** tal-ħin, dedikazzjoni u għajnuna li jagħti sabiex ikollna każin mill-isbaħ. Lil Pawlu dejjem issibu għaddej fuq xogħol ta' manutenzjoni, tindif, żebgħa, għajnuna waqt it-Tombla u High Teas u diversi xogħolijiet oħra.

Lill-President Onorarju, **Dun Karm Cassar** li bħas-snin l-imgħoddija kien il-magna sabiex il-pubblikazzjoni tal-Festa tkun suċċess.

Lil **Peppi Grima** u **Kelinu Azzopardi** tal-għajnuna fir-rinovazzjoni tas-Sala Prinċipali u s-Sala tal-iSnooker kif ukoll lil **Loretu Vassallo** fejn jidħol xogħol ta' dawl.
Lil **Fredu Xuereb** u **Wenzu Ciangura** tax-xogħol ta' manutenzjoni u **Ġużeppi Sultana** li dejjem lest biex jgħin fejn jidħol xogħol ta' żebgħa.

Lill-Kumitat tan-Nisa speċjalment lil **Esmelia Sciberras**, **Sunta Grech** u **Lucy Grima** għall-attivitajiet ta' fundraising li ta' kull ġimgħa jorganizzaw. Grazzi wkoll lil **Mabbli Xuereb** u **Pawlu Azzopardi** li kull nhar ta' Sibt jgħinu fil-High Teas u Tombla.

Lil **Loretu Galea** tax-xogħol li jagħmel minn wara l-kwinti

Lil **John Formosa**, **Manyol Curmi**, **Lawrence Schembri**, **Frank Rapa** u **Matthew Borg**, li għalkemm huma bandisti barranin dejjem jattendu għall-kunċerti.

Lil **Dr Ray Bondin** li kien strumentali sabiex il-Banda tagħna tagħti s-servizzi tagħha ġewwa Palazzolo Acreide, Sqallija.

Lin-Nutara **Josepha Xuereb** li tagħtina servizz legali mingħajr ħlas.

**Toni Galea**, **Joe Galea** u **Frankie Debono** li jiddedikaw ħafna mill-ħin liberu tagħhom jgħallmu lill-alljievi u bandisti aspiranti.

Lil **għajnsielem.com** li toffrilna servizz ta' website, email u updates mingħajr ebda ħlas.

Lill-Bandist **Ġużeppi Cauchi** tal-*proofing* għall-artikli tal-magazine tal-Festa

**Toni Galea u Joseph Camilleri** tax-xogħol bla ħlas li għamlu fl-injam.

**Paul Stellini** għad-disinji u pariri ta' interior design tas-swali l-ġodda.

Lill-**Kunsill Lokali Għajnsielem** tal-għajnuna li tana fil-Wirja tal-Ġimgħa l-Kbira u l-isponsor li ser jagħtina sabiex l-Open Day tat-23 t'Awissu tkun suċċess.

Lis-**Sotto-Kumitat tal-iSnooker** tal-fundraising u ħidma li qed jagħmel sabiex il-proġett ta' iSnooker Hall professjonali jsir realta'.

Lis-**Surmast Sunny Galea** li jmexxi lill-Banda b'mod professjonali u b'dedikazzjoni kbira.

Lil dawk kollha li taw donazzjoni b'riżq l-proġetti li hemm għaddejjin fil-Każin.

Lill-membri kollha tal-**Kumitat Eżekuttiv** tas-servizz li jagħtu lil din is-Soċjeta'.

Lill-**Bandisti** kollha għad-dedikazzjoni li jagħtu lil din is-Soċjeta' u lil Għajnsielem.